MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tad-19 ta' Lulju, 2006

Rikors Ta Revoka Numru. 174/2006

***<u>“A”</u>***
vs
***<u>“B”</u>***

Il-Qorti,

## A. RIKORS:
Rat ir-rikors tar-rikorrent li bih espona:

Illi t-tfal minuri ***“C”***, ***“D”*** u ***“E”*** kienu qeghdin jirrisjedu mar-rikorrent gewwa l-fond matrimonjali ossia 89, Dar ir-Redentur, Triq Tumas Fenech, B’Kara u dan in ottemperanza ma’ digriet ta’ din il-Qorti;

Illi fil-gimghat li ghaddew il-washing machine fil-fond kienet qabdet in-nar bil-konsegwenza li l-istess dar kienet inhakmet min-nirien qawwija u nugrufun. Id-dar matrimonjali kellha u kien ghad ghandha bzonn diversi xogholijiet ta’ riparazzjoni u manutenzjoni. Issa wara dan

l-incident fejn id-dar kienet inhakmet min-nirien u nugrufun, aktar u aktar kien hemm bzonn il-htiega ta' xogholijiet ta' riparazzjoni u manutenzjoni u dan sabiex l-istess dar tkun abitabbli. Il-hsarat fid-dar matrimonjali kienu evidenti fir-ritratti annessi mar-rikors u mmarkati Dokumenti "1" sa "23";

Illi r-rikorrent ma kienx jista' jaghmel dawn ix-xogholijiet peress li l-flejjes kollha formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti kienu kollha mizmuma b'mandat ta' sekwestru mahrug fil-pendenza odjerna, wara talba maghmula minn ***"A"***. Illi ghalhekk l-istess rikorrent ma kienx f'qaghdha finanzjarja li jhallas dawn ir-riparazzjonijiet minkejja li fil-komunjoni tal-akkwisti kien hemm flus bizzejjed sabiex isiru dawn ix-xogholijiet.

Is-sitwazzjoni tant kienet intollerabbli li l-minuri ***"D"*** u ***"E"*** kienu qeghdin jorqdu fl-istess sodda mar-rikorrent peress li anqas kamra tas-sodda ma kellhom.

Ir-rikorrent kien elenka s-segwenti xogholijiet u oggetti li kien hemm bzonn sabiex id-dar matrimonjali ssir abitabbli: geyser (Lm56), net ghan-nemus (Lm42.95), aluminium (Lm105), ventilaturi (Lm37.24), zebgha ghad-dar kollha (Lm697), xoghol ta' tibjid (Lm3,000), tikhil fil-faccata (Lm600), tikhil fil-hitan tal-gnien (Lm1,000), bieb tal-gnien (Lm80), tieqa gdida tal-gnien (Lm55), tieqa tat-toilet (Lm30), bieb tat-toilet (Lm170), net ghall-bieb tal-kcina (Lm45), tieqa ghall-bieb tal-kcina (Lm40), net ghall-bieb tal-kuridur (Lm50), accessorji varji miksura (Lm300), sofabed (Lm600), washing machine (Lm280), fireplaces (Lm800), magna so-safe (Lm189), tiswija bil-bejt (Lm450), mixer tal-kcina (Lm 45), apparat ghar-remote tal-garaxx (Lm40), zewg kmamar tas-sodda (Lm3432, ara wkoll Dok 25 u 26 annessi mar-rikors), dawl u bozoz ghad-dar (Lm200) u zebgha ghall-btiehi (Lm300). L-ammont globali ta' dawn l-ispejjez u xogholijiet kienu ta' Lm12,644.19.

Illi kif kien diga` ntqal ir-rikorrent ma kienx jista' jhallas ghal dawn ix-xogholijiet u spejjez. Huwa kien jippercepixxi biss madwar Lm2,200 fis-sena u dan kif kien jirrizulta wkoll mid-dokumenti "27" u "28" annessi mar-

rikors. Kien gie rilevat inoltre li t-tfal minuri kienu qeghdin jirrisjedu mal-missier u kien hu biss li jipprovdi ghall-ghixien taghhom.

Illi ftit wara l-incident ***"A"*** kienet marret fid-dar matrimonjali u rat il-hsarat b'ghajnejha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, u sabiex jigi zgurat li r-rikorrent u t-tfal minuri jkunu jistghu jghixu f'post abitabli, l-istess rikorrent talab li l-Qorti joghgobha tordna u tirrevoka, contrario imperio, il-mandat ta' sekwestru fuq il-banek, u dan limitatament sabiex b'hekk ikunu jistghu jsiru x-xogholijiet rimedjali kollha mehtiega u sussegwentement tikkonferma l-istess mandati vigenti fuq il-bqija tal-flejjes rimanenti u dan taht kull provvediment iehor li l-Qorti jidhrilha xieraq.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tal-intimata li biha esponiet:

Illi l-intimata kienet opponiet ghat-talba maghmula minn ***"B"*** permezz tar-rikors odjern li permezz tieghu huwa kien talab li din il-Qorti tawtorizzah sabiex jizbanka s-somma ta' Lm12,644.19 u dan sabiex isiru x-xogholijiet indikati fir-rikors.

Illi din l-oppozizzjoni kienet qed issir ghar-ragunijiet segwenti:

1) It-talba tar-rikors kienet bazata fuq il-premessa li fir-residenza fl-indirizz 89, Dar ir-Redentur, Triq Tumas Fenech, Birkirkara kien sehh incident li fih kien hemm hruq fid-dar bil-konsenwenza li d-dar kienet garrbet danni estensivi.

2) Illi l-intimata kienet irribattiet din l-allegazzjoni u dan peress li hija kienet taf li l-uniku incident li kien sehh kien li nharqet il-washing machine u li l-unika danni li kienu saru fid-dar kienu l-hsarat estensivi fil-washing machine u n-nugrufun mas-saqaf tal-kuritur.

3) Illi l-affarijiet l-ohra li ***“B”*** kien qieghed jallega li kienu mehtiega minhabba dan l-incident, fil-verita qatt ma kienet gratilhom hsara u l-uniku hsara li kien seta’ gralhom kienet a kawza ta’ wear and tear normali u mhux minhabba l-incendju.

4) Illi r-ritratti esebiti mar-rikors bl-ebda mod ma kienu prova ta’ dak li kien qieghed jallega ***“B”***. L-uniku oggett li kien jidher mahruq kienet il-washing machine u xejn izjed.

5) Illi jekk kien minnu li kien hemm incendju daqstant kbir fid-dar, ma kienx hemm rapport lill-pulizija jew intervent mid-dipartiment tal-protezzjoni civili? ***“B”*** ma kien ressaq l-ebda prova in sostenn ta’ dak li kien qieghed jallega.

6) Illi r-rikors li kien ressaq ***“B”*** kien biss tentattiv sabiex huwa jiehu s-somma li kien qieghed jindika fir-rikors tieghu u dan kien se jwassal ghall-konsegwenza li l-intimata ma kenitx tkun tista’ tiehu l-manteniment spettanti lilha peress li l-intimata l-uniku mezz kif tithallas ghall-manteniment kien billi jigu zbankati flus minn dan l-akkont.

7) Illi r-rikors kien bazat fuq diversi affarijiet inveritjieri intizi biss sabiex jizvijjaw lill-Qorti.

8) Illi l-intimata kienet xtaqet li tinghata l-fakulta` li dak espost fir-risposta tikkonfermah bil-gurament.

9) Illi l-Qorti kellha tassigura ruhha minn dak espost mir-rikorrent ***“B”*** qabel ma tghaddi biex tiddekreta dan ir-rikors.

Ghaldaqstant, l-intimata kienet qed topponi bil-qawwa kollha t-talba tar-rikorrent ***“B”*** u dan ghar-ragunijiet indikati fir-risposta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. KUNSIDERAZZJONIJIET:**
Illi r-rikorrenti qieghed jibbaza r-rikors tieghu fuq is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 836 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan jipprovdi li:
836. (1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:"

Issa, kif inghad minn din il-Qorti, kif diversament ippreseduta fil-kawza "**Camilleri vs Gove` et**", deciza fl-10 ta' Mejju, 2001, fuq rikors numru 286/01:
"li mid-disposizzjoni tal-istess **artikolu 836** jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' ***prima facie***, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja."

Illi l-iskop ta' mandat kawtelatorju huwa li persuna tikkawtela d-drittijiet gja ezistenti taghha u mhux li tiggarantixxi d-drittijiet potenzjali futuri taghha. Dan johrog car minn qari tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Carmela Aquilina vs Francis X. Aquilina"** deciza fis-27 ta' Novembru, 1991 fejn inghad:
"id-dritt ta' kawtela - cjoe' id-dritt procedurali - li ma huwiex id-dritt sostanzjali li – jista' jigi kawtelat. Dawn (id-dritt procedurali u d-dritt sostanzjali) huma zewg drittijiet distinti u ma jistghux jigu ridotti u konfuzi fi dritt wiehed………Huwa ovvju li l-jedd imsemmi fil-mandat m' huwiex id-dritt li taghmel il-mandat imma huwa d-dritt li ghalih il-kreditur ghamel uzu mid-dritt li johrog il-mandat".
Illi ghalhekk il-kwistjoni kollha hija li ma "tikkonfondix l-kuncett ta' kawtela ma' dik ta' garanzija ta' drittijiet".

Ghalhekk jinkombi fuq il-Qorti biex tezamina jekk dwar l-att attakkat intweriex li l-ammont mitlub ma hux ***prima facie*** gustifikat jew ikun eccessiv biex jikkawtela d-drittijiet gja ezistenti ta' ***"A"*** u mhux li jigu garantiti d-drittijiet potenzjali futuri taghha. Dwar il-**GUSTIFIKAZZJONI** din kienet giet evalwata mill-Qorti li ddegretat il-mandat u ma jidhirx anqas li biss giet attakkata fir-rikors imsemmi izda li l-bazi tar-rikors mhux in-nuqqas ta' gustifikazzjoni originali izda l-incident tal-hruq tal-***washing machine*** u affarijiet konnessi u biex it-tfal minuri jkunu jistghu jghixu f'post abitabbli ahjar. Dan iwassal lill-Qorti biex tqis li l-hrug tal-mandat kien ***prima facie*** gustifikat.

Dwar l-aspett li fic-cirkostanzi ma jkunx **RAGONEVOLI LI JINZAMM FIS-SEHH** l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu m'huwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli, il-Qorti ma thossx li l-mandat ma ghandux jibqa' fis-sehh tenut kont ta' dak li ntqal fuq.

Din il-Qorti kif presjeduta certament li mhix sejra tezamina l-mertu tal-kawza izda biss dawk relattivi ghall-mandat. Ir-rikorrent ***"B"*** qieghed jitlob ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru biex tigi zbankata s-somma ta' Lm12,644 u dana biex jigi zgurat li hu u t-tfal minuri jkunu jghixu f'post abitabbli. Semma l-hruq tal-***washing machine***, necessita` ta' xogholijiet u kwantita` kbira ta' spejjez li l-Qorti thoss stramba hafna li dawn l-ispejjez kollha ammontanti ghal Lm12,644 inqala' l-bzonn qawwi ghalihom propju issa. Kif issemma fir-risposta ta' ***"A"*** it-talba hija bazata fuq is-sehh tal-incident u li d-dar garrbet danni estensivi u li ghalkemm l-imsemmija ***"A"*** tammetti li kien hemm il-hruq estensiv tal-washing machine l-unika hsara li saret kienet propju f'din il-makna u n-nugrufun mas-saqaf tal-kuritur. Sostniet, u din il-Qorti temmen, li l-affarijiet l-ohra qatt ma gratilhom hsara hlief kawza ta' ***wear and tear*** u mhux minhabba l-incendju. Semmiet ukoll li anqas kien sar rapport lill-pulizija jew intervent mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili fl-imsemmi hruq.

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi minn dan ir-rikors billi:

Tichad l-istess rikors billi jonqos mill-provi sufficjenti ghal dan l-iskop kif rikjest mill-artikolu 836.

Spejjez ta' din il-procedura kontra r-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------